# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 31 ta' Jannar 2018**

**Rikors Guramentat Nru. 283 / 12RGM**

**Kawza fil-lista: 15**

**A B C**
**vs**
**D E F**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-esponenti kellha relazzjoni extra-konjugali mal-konvenut u minn dina r-relazzjoni twieldet it-tifla G fil-hdax ta' April tas-sena elfejn (11/04/2000) u llum ghalhekk ghandha tnax ( l2) il-sena.

Illi G kienet giet rikonoxxuta minn missierha l-konvenut u taha kunjomu u cioe' l-kunjom F.

Illi din r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet u l-imsemmija tifla komuni qed titrabba mill-attrici b'access ghall-missier, il-konvenut.

Illi l-konvenut mhux qed jikkontribwixxi bizzejjed ghall-manteniment, edukazzjoni u sahha ta' bintu minuri: fil-fatt huwa qed jikkontribwixxi biss is-

somma ta' mitejn u tletin euro (€230) fix-xahar ghall-ghajxien taghha u dana nonostante li huwa mpjegat imlahhaq mal-HSBC Bank Malta p.l.c.

Illi barra minn hekk l-intimat ma kkontribwixxa l-ebda manteniment ghall-perijodu minn Dicembru 2010 sa Awissu 201l.

Illi konsegwentement l-attrici talbet li tinbeda l-procedura tal-medjazzjoni sabiex il-posizzjoni tal-partijiet tigi regolata skont il-ligi izda l-konvenut irrifjuta li jikkontribwixxi aktar milli qed jaghmel.

Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata tipprocedi bic-citazzjoni opportuna permezz ta' Digriet numru 1911/2012.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri G F tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici b'dana li l-konvenut jkollu access ghall-imsemmija tifla minuri G skont dawk il-modalitajiet illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

2. Tordna illi l-beneficcji u/jew ghajnuna socjali li jkunu pagabbli ghall-minorenni msemmija jigu percepiti mill-attrici.

3. Tiffissa retta alimentarja adegwata ghall-istess minuri mehud in konsiderazzjoni l-htigijiet taghha fir-rigward tas-sahha u l-edukazzjoni taghha, liema retta alimentarja ghandha tigi perjodikament riveduta skont il-mezzi tal-konvenut u revizibbli skont l-gholi tal-hajja u dana sakemm l-istess tifla minuri G ssir maggorenni u fl-eventwalita' li t-tifla tkompli bl-istudji taghha sakemm taghlaq l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena.

4. Tordna li tali retta alimentarja tinqata' mis-salarju ta' l-intimat u tithallas direttament lill-attrici.

5. Tikkundanna lill-intimat ihallasha dik is-somma li tigi likwidata bhala retta alimentarja tal-minuri G ghall-perijodu minn Dicembru 2010 sa Awissu 2011.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-procedura tal-medjazzjoni kontra l-intimat minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Preliminarjarnent jigi osservat illi ir-rikors promotur gie mahluf mir-rikorrenti bil-lingwa Maltija meta l-istess rikorrenti ma tifhimx din il-lingwa;

2. Illi hemm qbil dwar dak dikjarat fl-ewwel zewg premessi ta' l-attrici;

3. Illi filwaqt illi huwa minnu illi l-minuri qieghdha fil-prezent tghix ma ommha, m'huwiex minnu illi l-minuri qieghda titrabba mill-attrici kif minnha allegat;

4. Qabel xejn irid jigi specifikat illi sia l-attrici u sia l-minuri kienu jghixu flimkien ma' l-esponent, fil-fond tieghu, sa madwar sentejn ilu. Kien biss ghal habta ta' 07/01/2011 illi r-rikorrenti telqet mid-dar tal-esponent flimkien mal-minuri.

5. Madankollu, l-esponenti ghamel u qieghed jaghmel minn kollox sabiex izomm kuntatt regolari mat-tifla kemm billi jaraha spiss matul il-gimgha bi sleep overs regolari fil-weekends kif ukoll billi jkellimha kuljum permezz tat-telefon u/jew mezzi ohra ta' komunikazzjoni. L-esponenti jqatta' hafna hin jistudja mal-istess minuri partikolarment fiz-zmien l-ezamijiet, u l-hin kollu iwassalha ghall-attivitajiet akkademici u extra-kurrikulari taghha;

6. Illi fir-raba' premessa taghha, l-attrici donnha insiet issemmi illi minbarra l-manteniment ta' EUR230 illi huwa jhallas mensilment, huwa ukoll qieghed wahdu ihallas ghall-edukazzjoni tal-minuri, u cioe` l-mizati ta' skola privata illi hija tattendi, kotba, uniformijiet, u kull spiza ohra relatata ma' l-edukazzjoni taghha, kif ukoll ghall-health insurance taghha, u dan sa kemm jintlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar kif ir-rikorrenti tista’ tibda taghti sehemha ghat-trobbija ta' binthom. Illi ghandu jinghad ukoll illi huwa mhux biss ihallas dawn l-ammonti izda anki jixtri ikel ghall-minuri u jsajjrilha fuq bazi regolari, sia ghal-perijodu li l-minuri tkun mieghu u anke meta ma tkunx, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

7. Illi ghar-rigward ta’ dak premess minnha dwar arretrati ta' mantentiment mhux imhallsha, ghandu jinghad illi f'dan il-perijodu huwa kkontribwixxa ghall-manteniment tal-minuri billi pprovda dak kollu illi hija seta jkollha bzonn, inkluz l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni kif ssemma aktar ‘l fuq;

8. Illi huwa minnu illi l-esponenti rrifjuta illi jhallas lir-rikorennti, ammonti aktar milli qed ihallas bhalissa u sahansitra talab illi r-rikorrenti tghin finanzjarjament fit-trobbija tal-minuri, u dan peress illi huwa qed jhallas ammonti kbar mensilment, u verament ma jistax ilahhaq b'dawn l-ispejjez kollha;

9. Illi r-rikorrenti qieghdha tippretendi illi l-esponent ihallas ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri minghajr ebda kontribuzzjoni finanzjarja da parti taghha, liema pretenzjoni m'hija bl-ebda mod gustifikata, mhux biss peress illi hija ghandha l-kapacita` lavorattiva sabiex hija wkoll tikkontribwixxi fil-lat finanzjarju tat-trobbija tal-minuri izda ukoll meta wiehed jikkunsidra illi hija qieghda effetivament tippercepixxi introjtu anke jekk dan jista jkun mhux wiehed dikjarat tant li f'dawn l-ahhar xhur hija mhux biss akkwistat proprjeta immobbli izda wkoll dahlet ghal self mal-Bank;

10. Illi ghandu jinghad f'dan l-istadju illi l-esponent dejjem ha interess kbir f'dak kollha illi kellu x'jaqsam mal-minuri, kemm ghal dak illi jirrigwarda s-sahha u l-edukazzjoni taghha, kif ukoll ghat-trobbija u ben essere taghha in generali u dan kif inhu evidenzjat mir-relazzjoni tajba immens illi huwa ghandu ma' bintu, kif wkoll mill-provi l-ohra illi ser jingiebu waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi, in vista ta' dak premess, l-esponent umilment jecepixxi illi:

1. L-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontro taghha, u l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa’ wahda kongunta, fl-interess suprem taghha. Illi barra minn hekk ghandu jigi stipulat il-modalita ta' access ghall-minuri;

2. Hemm qbil illi c-children’s allowance pagabbli mill-Gvern ghall-minuri jigi percepit mir-rikorrenti, b'dan illi kull kreditu ta' taxxa jew beneficcju simili moghti mill-Gvern lill-genitur/i li jibghatu tfal fi skejjel indipendenti ghandu jigi ppercepit /uzufruwit mill-esponent;

3. Hemm qbil illi tigi ffissata retta alimentarja ghall-istess minuri minn din l-Onorabbli Qorti. Ghal dan il-ghan l-esponent jiddikjara illi huwa lest illi jibqa’ jhallas ghall-mizati tal-iskola privata tal-minuri sa kemm hija taghlaq sittax (16) il-sena, b'dan illi l-ammont illi huwa jhallas ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta jigi komputat il-manteniment;

4. Illi qatt ma kien hemm problema rigwardanti hlas ta' manteninrent b'mod puntwali u dan anki meta ma kien hemm l-ebda digriet u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex il-manteniment ghandu jibda jinqata mill-paga ta’ l-esponent;

5. Illi l-hames talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dan peress illi kif issemma u kif ser jigi spjegat f'aktar dettall fil-mori ta' dawn il-proceduri, f'dan iz-zmien l-esponent effetivament hallas ghal kull htiega tal-minuri f'dan il-perijodu.  Illi barra minn hekk u minghajr pregudizzju, peress illi ma kien hemm l-ebda ftehim dwar hlas ta' manteniment f'dan il-perijodu, u peress illi r-rikorrenti

ma ghamlet l-ebda talba ghall-manteniment fiz-zmien indikat, din it-talba ma hijiex sostenibbli legalment.

6. Illi r-rikorrenti rrendiet il-process ta' medjazzjoni inutli peress illi rrifjutat illi tasal ghal ftehim finali minghajr raguni valida la fil-fatt u la fid-dritt u ghalhekk hija ghandha tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-21 ta’ Frar 2013 fejn il-Qorti nnominat lil Dottor Fransina Abela bhala Assistent Gudizzjarju u ordnat li l-proceduri jitmexxew bil-lingwa Ingliza;

Rat l-affidavit tal-attrici pprezentat fis-seduta tal-10 ta’ April 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tat-8 ta’ Mejju 2013 tar-Rapprezentant tal-Isptar Mater Dei li maghha gie anness parti mill-file mediku tal-minuri Christine F;

Rat x-xhieda ta’ Audrey Ghigo u ta’ Rose Marie Borg ghall-HSBC Bank (Malta) plc li xehdu fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2013, x-xhud Audrey Ghigo xehdet ukoll fis-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarj;

Rat d-digriet ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Mejju 2013 fejn giet michuda t-talba tal-attrici biex tivjagga ghal-vakanza mal-minuri fil-Kazakhastan, billi dan il-pajjiz mhux firmatarju tal-Hague Convention u li jkun fl-ahhjar interess tal-minuri li f’dan l-istadju ma tivjaggax fl-esteru qabel tigi pronunzjata s-sentenza finali;

Rat x-xhieda ta’ Norma Baldacchino, Customer Care Official ghas-Supretendent ta’ Mater Dei li xehedet fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u pprezentat l-file u l-case history ta’ Kristina F li l-partijiet qablu li dan ghandu jinzamm mill-Assistent Gudizzjarju sakemm ma jinghatax direttiva ohra mill-Qorti;

Rat d-digriet ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Novembru 2013 fejn ordnat li d-dokumenti minn fol.43 sa fol. 136 ikunu issigillati u accessibbli biss ghall-partijiet u l-avukati taghhom;

Rat ix-xhieda tal-attrici li xehdet fis-seduta tad-19 ta’ Novembru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta’ Natasha Barthet, Educational Psychologist fl-iskola San Anton, li xehdet fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 2015 u tas-26 ta’ Marzu 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Dottor Doriette Soler, Consultant Pediatric Neurologist fl-Isptar Mater Dei li xehdet fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Dottor Roberta Celine Ellul li xehdet fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dottor Kenneth Gulia;

Rat l-affidavit tal-konvenut ipprezentat fis-seduta tal-21 ta' April 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Joseph Calleja, Principal, Identity Malta, Passport Office, li xehed fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-partijiet li xehdu fis-seduta tas-16 ta' Frar 2017 u fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2017, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit addizzjonali tal-konvenut mahluf fis-16 ta' Frar 2017;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2017 fejn l-avukat tal-attrici ddikjara li s-sentenza tista' tinghata fil-lingwa Maltija u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

**IL-PROVI.**

L-attrici, C A B, pprezentat u kkonfermat l-affidavit taghha fis-seduta tal-10 ta' April 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[1] Hi ddikjarat li ghandha 45 sena u li t-tifla taghha G F li twieldet fil-11 ta' April 2000 ghandha 13-il sena. It-tifla twieldet mir-relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut, li rrikonoxxa lit-tifla u taha kunjomu F. Huma damu jghixu flimkien bhala familja minn 1996 sat-2009. Hi tghid li l-konvivenza mal-konvenut saret impossibbli billi kien ikollu 'anger fits' u kien jghajjat maghha u mat-tifla, minghajr l-ebda raguni. Kien jibqa' f'din il-burdata granet shah.

Hi ddikjarat li kienet qed tistudja fl-MCAST, kienet qed issegwi 'Appliance science course', kienet fl-ewwel sena u kienet qed tispera li meta tispicca l-kors fit-2015 tkun tista issib impieg 'full time'. Mix-xoghol taghha 'part time' bhala traduttrici kienet taqla' xi €200 fix-xahar.

[1] Fol 24.

F’dak iz-zmien kienet tahdem fil-clinic ‘Persona’ u s-salarju ta’ Jannar kien ta’€113. Fis-sajf izzomm student ghandha bi hlas u mis-Sigurta’ Socjali kienet tircevi €426 fix-xahar li bihom kienet thallas il-loan tal-flat.

Hi tghix ma' bintha G fl-appartament 3, Belleview Court, Block B, Triq San Luqa, Gwardamangia, Pieta’u ilhom jghixu hemm mis-16 ta’ Dicembru 2009. F’dak iz-zmien il-konvenut ma kienx qed ihallasha manteniment ghat-tifla, bdiet il-procedura tal-medjazzjoni u l-konvenut beda jhallasha manteniment ta’ €230 fix-xahar ghat-tifla. Peress li ghamel xi disa’ xhur ma jhallax manteniment kienu jghixu fuq dak li kienet fadlet. Hu kien jghid li qed ihallsilha l-iskola.

It-tifla tattendi ghal varji attivitajiet extra-kurrikulari bhal-lezzjonijiet tal-muzika u volleyball, hi kienet tonfoq xi €40 biex twassalha, ghalhekk kien jibqa’ €190 biex tonfoq fuq spejjez ohra cioe’ €45 fil-gimgha.

Fil-bidu tas-sena kellha tonfoq €100 sena registrazzjoni mal-Qormi Volleyball Club u billi f’dak iz-zmien il-konvenut ma kienx jhallasha flus kellha tghaddi b’€90 fix-xahar biex titma il-minuri. Kienet ukoll tonfoq xi €50 fis-sena medicini ghat-tifla.

Kellha tixtri zraben ghat-tifla tas-sajf u tax-xitwa, billi l-konvenut kien qalilha li ghadhom tajbin meta kienet ilha tilbishom tlett snin, u b’hekk kienet qed tnaqqas mill-ammont diponibbli ghax-xiri tal-iekel. Kull spiza li kien ikollha taghmel, bhal xiri ta’ hwejjeg tax-xitwa ghat-tifla, kienu ipogguha f’sitwazzjoni prekarja finanzjarjament. Kienet qed tissellef hwejjeg mil-knisja. Fil-Milied Ms Lilian F xtratilha coat u par zarbun u l-konvenut qal lit-tifla biex dawn tilbishom biss meta tmur ghandu fil-weekends.

F’Dicembru 2012 kellha tixtri mill-iskola ktieb gdid bil-prezz ta’ €21 u scientific calculator bil-prezz ta’ €20 u ghalhekk f’dik il-gimgha kien baqa’ biss €10 x’tonfoq.

Fis-Sajf it-tifla attendiet St James Cavalier Junior summer club, hallsitilha €200 u l-konvenut irrifjuta li jikkontribwixxi. Kienet tibghatha ghall-privat, hallsitilha €60 izda anke ghal dawn il-konvenut irrifjuta li jhallas xi haga minnhom. Hi tghid li ghandha bzonn il-flus ghas-Summer School tat-tifla billi fin-nuqqas ma tkunx tista’ tispicca ‘ study course ta’ apprentice worker’.

Il-konvenut ma tax il-kunsens tieghu biex il-minuri zzur il-Kazakhstan biex tara membri tal-familja hemmhekk. Hi tghid li l-konvenut jopponi bimpika u mhux ghax jibza li ma tirritornax. G sifret fit-2003 maghha u fit-2006 man-nanna bla poblemi ta’ xejn. Hi tqis li r-residenza taghhom hi f’Malta u ddikjarat li applikat ghac-Cittadinanza Maltija.

Hi tircevi c-Children's Allowance, pero' kellha taghmel loan biex tixtri computer ghat-tifla. Kellha ukoll tixtri cartriges billi t-tifla taghmel xoghol ta' ricerka fuq l-Internet li tipprintja. Dawn jiswew €53 kull cartridge.

Hi qed titlob li l-manteniment ghal G jizdied ghal €500 fix-xahar u li tkun tista' isiefer mat-tifla fil-vakanzi tal-iskola tas-sajf. Hi tixtieq titlob lill-Qorti li l-konvenut jigi ordnat ihallas ghall-ispejjez ta' medicini tat-tifla u uniformijiet tal-iskola. Il-konvenut jahdem mal-HSBC Bank Malta plc, Qormi Call Centre, ghandu paga tajba izda mhux generuz ma' bintu.

G hi tifla sensittiva, dotata u generuza. Hi ghalmitha tirrispetta lill-missierha ghax temmen li t-tifla ghandha bzonn l-imhabba kemm ta' ommha kif ukoll ta' missierha.

Tghid li l-konvenut jkollu 'anger fits' minn darba kull jum sa darba fil-gimgha. Hu jssir aggressiv hafna u bl-ghajjat tieghu jbezza' kemm lill-attrici kif ukoll lit-tifla. G tahseb li hi l-problema u li ghalhekk l-genituri ma humhiex flimkien. L-attrici tghid li diversi drabi spjegat lit-tifla li hi ma ghadha l-ebda tort ghal din s-sitwazzjoni.

Il-glied bejn il-genituri kien qed jkollu effett fuq is-sahha tat-tifla. L-attrici kienet tiehu lit-tifla il-Gzira polyclinic u t-tabib hemmhekk kien irreferiha lil Dottor Soler, Neurologist fl-Isptar Mater Dei, li qaltilha li G qed tbaghti minn 'emotional violence'. It-tifla ghamlet sentejn taht il-kura ta' psikjatra, kellha ugieh kbir fl-istonku u dahlet Mater Dei tlett darbiet, disa' tijiem b'kollox. Saritilha 'biopsy' u rrizulta li kellha 'erosion of her food pipe in the esophagus'. Il-konsulent kien Dottor J Cauchi.

L-attrici hasset f'dan l-istadju li ghal gid tat-tifla l-genituri kellhom jghixu separatament. Il-genituri kellhom xi jghidu meta l-konvenut irrifjuta li jhallas €10 lill-attrici ghal-vizta tat-tabib u t-tifla hasset ugieh kbir fl-istonku taghha. Kienet ghal din r-raguni li l-attrici ddecidiet li titlaq bit-tifla biex izommha 'l boghod minn missier aggressiv. It-tifla tara u thobb lill-missierha pero' ma tistax tigi esposta ghall-glied u l-litigji kontinwi bejn il-genituri. Dan ma jaghmilx gid lit-tifla.

Il-kondizzjoni tat-tifla fl-iskola kienet hazina; kienet dejjem tkun mdejqa u toqghod wahedha fil-breaks. Il-Psikologa tal-iskola, Natasha Barthet qaltilhom li t-tifla kienet tbaghti minn 'childhood depression', pero' l-kondizzjoni taghha marret ghall-ahjar meta il-genituri ma baqghux jikkoabitaw. Il-vizti ghand il-Psikjatra naqsu ghal wahda fis-sena biss ghal 'check-up' annwali.

L-attrici tghid li t-tifla soffriet hafna 'stress' billi missierha ma jikkontrollax l-emozzjonijiet tieghu.

G ma tridx tixhed dwar dawn l-incidenti fil-Qorti, ghaliha z-zewg genituri huma tajbin u ma tridx tkun fin-nofs tal-kwistjoni. Jekk tigi mitluba tixhed mill-Qorti tissuggerixxi li dan ghandu jsir fil-presenza tal-Psikologa tal-iskola u jekk tizviluppa hruq fl-istonku dan ghandu jieqaf.

Hi ma toggezzjonax li t-tifla tmur ghand il-missier pero' tikwieta billi l-konvenut fix-xitwa ma jzommx id-dar shuna. Id-dar hi umda u kiesha, hu jghid li ghandu electric blanket pero' dan mhux sufficjenti. Jekk ma jsahhanx d-dar il-konvenut ghandu jara lit-tifla matul il-gurnata.

Hi tinsisti li l-konvenut ghandu jirrifondilha immedjatament l-ispejjez ta' medicini tat-tifla. Ghandu jassikura li ma tiehux 'fizzy drinks' billi dawn jikkawzaw ulcera. Ghandu jigi ordnat jipprovdi hwejjeg addattati ghal-minuri skont l-istaguni, u ghandu jipprovdi ghall-ispejjez tat-trasport meta l-attrici twassalha il-Musew.

L-attrici xehdet fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[2] Hi ddikjarat li f'din l-ahhar sena Christine kien qed ikollha problemi psikologici, u bi ftiehim mal-konvenut kienet qed tattendi ghal ghaxar sessjonijiet b'rizultati tajbin hafna. Wara dawn is-sessjonijiet nghatat il-parir mill-Educational Psychiatrist, biex tmur ghand psikjatra, billi fil-fehma taghha kienet qed tbaghti minn depression minnhabba l-ghajjat tal-konvenut fid-dar, s-separazzjoni tal-genituri u l-fatt li kienet qed tigi 'bullied' fl-iskola. Skont l-attrici 'she misses her maternal grandmother' billi din rabbietha sakemm kellha 12-il sena, pero' kellha terga' lura f'pajjizha billi kisret idejha. It-tifla tikbi meta jcemplu lin-nanna darba fil-gimgha u l-attrici ddum xi 30 minuta biex tikkalmha u tikkonslha.

F'din l-ahhar sena l-attrici kienet qed tistudja 'full time' fl-MCAST mit-8.00am sal-4.00 pm. Fis-sajf hadmet fl-isptar bhala trainee u thallset. Hi obligat ruhha li tipprezenta il'payslip'. Ommha ukoll tibghatilha xi flus u ddikjarat li tipprezenta d-dokumenti bankarji u l-konvenut ihallasha €230 fix-xahar u jhallas ghall-edukazzjoni tat-tifla. Tibghatha ghall-lezzjonijiet tal-vjolin li thallas ghalihom hi u thallsilha ukoll is-Summer School, Trinity College. Il-konvenut irrifjuta li jhallas, ma taha l-ebda raguni, ghallhekk qed thallsilha hi stess. Dan ghamlitu billi hi qed tahdem u ma tridx li t-tifla tkun wahedha d-dar.

Semmiet incident meta darba talbet lill-konvenut €10 biex t-tifla tmur b'tal-Linja ghal sessjonijiet tal-volleyball, pero' tant ghajjat li qatt ma regghet staqsietu.

---

[2] Fol 351.

Baghatet lit-tifla l-Masquerade u hallset hi, qed tixtrilha l-hwejjeg kollha tax-xitwa u tas-sajf, medicini u spejjez ta' printing bhal cartridges.

L-attrici xehdet in kontro-ezami fis-seduta tas-16 ta' Frar 2017, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[3] Hi ddikjarat li min Jannar ta' dik is-sena kienet impjegata 'full time' mal-European Foundation bhala Research Assistant fil-Molecular Biology Department u BIOBANK. Hi kienet ghamlet course ta' tlett snin fl-MCAST u hadmet bhala apprentice fl-Isptar Mater Dei. Bejn it-2015 u t-2017 hadmet 'part time' bhala Lab Assistant f'St Martin's College.

Hi registrata mal-Ministeru tal-Affarjiet Barranin bhala interpretu u tithallas €15 ghal kull pagna li tittraduci. Fil-Qorti tithallas €5 kull seduta.

Hi ddikjarat li qatt ma hadmet ghall-Ambaxxjata Russa jew ghar-Russian Cultural Institute. Ghamlet xi xoghol ghall-Malta Broadcasting Authority. Fis-sajf izzom xi student ghandha kontra pagament u fit-2010 hadet loan mill-Bank u xtrat il-post. L-attrici xehdet ukoll fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2017 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[4] Kif kienet obbligat ruhha fis-seduta precedenti pprezentat d-dokumenti dwar l-impiegi li kellha. Mid-Dok HC3 jirrizulta li mill-impieg taghha ma' l-Universita' ta' Malta f'Jannar 2017 kellha net pay ta' €1,427.26.

**Audrey Ghigo,** ghall-**HSBC Bank (Malta) plc** xehdet fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[5] Hi giet mitluba taghmel ricerka fuq il-konvenut ID 463360M u rrizultalha li kien hemm hames kontijiet li hi pprezentat u gew immarkati Dok AG1 sa Dok AG5.

Dok AG1 hu Loan Account numru 008-088999-300, li skont Statement tat-23 ta' Frar 2013 hemm l-ammont ta'€2,559.47 dovut lill-Bank.
Dok AG2 hu Loan Account numru 033-042235-300, li skont Statement tat-23 ta' Ottubru 2012 hemm l-ammont ta' €3,981.68 dovut lill-Bank.
Dok AG3 hu Current Account numru 098-049282-001, li skont Statement tat-23 ta' Frar 2013 juri bilanc ta' €71.09.
Dok AG4 hu Loan Account numru 27009356, li skont Statement, Fol 256 fis-26 ta'April 2013 l-konvenut kien debitur tal-Bank fl-ammont ta' €24,217.810.
Dok AG5 hu Master Account Statement numru 5422011231320009, li skont Statement tas-7 ta' April 2013, Fol 312 il-bilanc dovut hu ta' €617.72.

[3] Fol 454.
[4] Fol 470.
[5] Fol 137.

Ix-xhud xehdet ukoll fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[6] Hi ghamlet ricerka dwar il-kontijiet bankarji tal-attrici u pprezentat lis-Statements relattivi markati Dok AG7 sa Dok AG14.

**Rose Marie Borg ghall-HSBC Human Resources** xehdet fl-istess seduta,[7] u pprezentat l-FS3 tal-konvenut ghas-sena 2012, Fol 313, li minnha jirrizulta li f'dik is-sena il-konvenut irceva bhala Total Gross Emoluments l-ammont ta' €25,466.05. Hi kkonfermat li l-konvenut jokkupa grad taht il-Management Grade cioe' GBC7.

**Norma Baldacchino, Customer Care Official fl-Isptar Mater Dei** xehdet fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[8] Hi pprezentat kopja tal-file u l-'case history' ta' G F, bint il-partijiet. L-Avukat Dottor Karl Briffa ghall-konvenut oggezzjona billi din mhiex mehtiega bhala prova tal-attrici, u ghalhekk il-partijiet qablu li l-file jinzam mill-Assistent Gudizzjarju sakemm tinghata direttiva ulterjuri mill-Qorti.

B'Digriet tas-6 ta' Novembru 2013, din il-Qorti ordnat li d-dokumenti minn fol 43 sa fol. 136, billi dawn jirreferu ghall-kondizzjoni medika tal-minuri, ghandhom jigu ssigillati u accessibbli biss ghall-partijiet u l-avukati taghhom.

**Natasha Barthet, Educational Psychologist f'San Anton School,** xehdet fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2015,[9] mizmuma mill-Assistent Gudizzarju. Hi kkonfermat ic-certifikat minnha rilaxxjat li gie markat Dok NB1. Hi ddikjarat li G fit-2011 kienet fi Grade 7 u li kien hemm xi tfal fl-iskola li kienu jaghtuha fastidju dwar l-uniformi taghha, l-ikel u l-komportament taghha li ma kienx adattat u kellha bzonn min jaghtiha pariri dwar dan. It-tifla ma tantx kienet tiftah qalbha maghha u qatt ma kienet tkellimha fuq il-problemi tad-dar, hlief f'okkazzjoni wahda, wara li l-genituri sseparaw u tifla qaltilha li kellha tadatta ruhha ghall-hajja inqas komda u nqas lussuza.

Dwar xi items li kellha nieqsin mill-uniformi hi kienet tkellmet mal-genituri u ghandha notament fil-file li l-kwistjoni kienu sabu soluzzjoni ghaliha.

Ix-xhud xehdet ukoll fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2015[10] u pprezentat id-dokument market Dok NB2. It-tifla kienet semmietilha tlett cirkostanzi specifici, cioe':

1 Id-diffikolta' biex tadatta ghall-hajja anqas lussuza.

---

6 Fol 451.
7 Fol 138
8 Fol 335.
9 Fol 359
10 Fol 368.

2 Li missierha kien jistaqsiha certi domandi.

3 Li ma kienitx tkun dejjem kuntenta bl-arrangamenti ta' kuntatt ma' missierha.

**Dottor Doriette Soler, Consultant Pediatric Neurologist fl-Isptar Mater Dei,** xehdet fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[11] Hi ddikjarat li G F kienet taht il-kura taghha f'Gunju 2010, kellha 10 snin u kienu irriferewha lilha billi kienet tilmenta minn 'headaches and ticks disorder'. Hi kienet tkellmet ma' l-omm u mat-tifla li qalulha li kien hemm il-glied fil-familja, li l-omm marret tghix f'appartament ghaliha u r-ragel kien ikollu episodji ta' *aggressive outbursts* u li waqt l-ezamijiet l-missier kien jkun ta'stress fuq t-tifla.

It-tifla kellha episodji ta' 'fainting' sena qabel giet ezaminata minn pediatric cardiologist, saru it-tests u rrizulta li kienet normali.

Fi Frar 2010 it-tifla zvillupat 'facial tics and nasal snoring sounds' li ppersistew ghal xi tlett xhur. Kienet rebhet l-award "Best student of the Month" f'San Anton School. Kien hemm ukoll problema ta' 'bullying' fl-iskola.

Ix-xhud tghid "On examination, general and neurological both were entirely normal". Wara t-tifla giet referred ghall-Child Guidance Clinic ghal 'psychological and pediatric assessments' u ghal social Worker.

Ix-xhud iddikjarat li dik kienet l-unika okkazzjoni meta rat lit-tifla, u ddikjarat li kienet hi li rriferitha lil Dottor Saliba.

**Dottor Roberta Celine Ellul,** xehdet fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[12] Hi ddikjarat li fit-2 ta' april 2013 kient ghamlet rapport dwar G F. Hi ddikjarat li ma kienitx tiftakarha u l-informazzjoni li kienet qed taghti kienet fid-discharge letter li kienet qes taqra. G kienet ilmentat minn ugieh fuq l-lemin ta'zaqqha, giet investigata u nstab li ma kellha xejn hazin. Saru tests biex giet eskluza l-appendicite, saru pregnancy tests, ultrasound u rrizulta li kollox kien normali. Id-discharge letter ta' G F tinsab a fol. 44. Sar test biex jigi ezaminat l-istonku taghha u nghatat 'anti-acid medication for reflux oesophagitis' ghal erba' gimghat. Kellha taghmel 'follow-up' wara tlett xhur pero' ma marritx u ghalhekk assumew li hi kienet rkuprat kompletament.

Hi ddikjarat li ma kien hemm xejn organiku li kien relatat mal-ugieh li lmentat minnu G fit-2 ta' April 2013.

[11] Fol 374.
[12] Fol 385.

**D E F, l-konvenut,** fl-affidavit tieghu mahluf fil-21 ta' April 2016,[13] iddikjara li ltaqa' ma' l-attrici f'Malta fin-1998. F'dak iz-zmien hu kien issepara minn martu li minn dak iz-zmien giet nieqsa. Ir-relazzjoni tieghu mal-attrici damet ghal 13-il sena, t-tifla twieldet xi 24 xahar wara li bdew jiffrekwentaw lil xulxin u kienu jghixu fid-dar ta' ommu. Maghhom kienet tghix omm l-attrici ukoll. G hi l-unika tifla li ghandu, billi l-ewwel mara li kellu ma riditx tfal. Din in fatti kienet r-raguni ghaliex kienu sseparaw. Hu jhobb hafna lil binthu, jiehu interess f'dak kollu li taghmel u jipprova jkun dejjem prezenti fil-hajja taghha. Jispjega li ghandu relazzjoni eccellenti ma' bintu. It-tifla hi intelligenti hafna, dejjem iggib rizultati tajbin fl-ezamijiet u tinvolvi ruhha f'attivitajiet extra-kurrikolari.

Hu jikkontesta l-allegazzjoni tal-attrici li jbaghti min episodji ta' rabja inkontrollabbli. Jghid li hu persuna kalma u ragjonevoli, u qatt ma tilef l-kontroll tal-azzjonijiet tieghu. Jghid li l-attrici hi bniedma immatura b'karattru difficili.

Spjega li ghandu relazzjoni eccellenti ma G, li ghalkemm ghandha 16-il sena, eta' difficili fejn generalment jirribellaw ghal kull ordni mill-genituri, hi dejjem tfittex lilu ghal kull problema li jkollha u mhux biss diffikoltajiet akkademici. Huma jqattghu hafna hin fil-kumpanija ta' xulxin ghalkemm it-tifla ghandha hafna attivitajiet extra-kurrikolari bhal vjolin u Spanish Dancing.

Jghid li l-attrici kompletament abdikat mir-rwol taghha ta' omm billi ma tiehu l-ebda interess fl-edukazzjoni ta' G. Anzi jkollha xi tghid mad-dirigenti tal-iskola u tippretendi li dejjem ghandha ragun. Lil G tikkonsidraha bhala tifla zghira u izjed tinkwieta jekk tkunx liebsa sew milli mill-komportament taghha.

Il-konvenut jghid li hu kburi bil-progress ta' G fl-iskola ghalkemm kellha diversi 'traumas'. Hi thobb tistudja, tistinka biex timmiljora u hu jiddedika hafna hin jghinha fl-istudji taghha, tant li jiehu l-leave annwali tieghu qabel l-ezamijiet annwali tat-tifla biex ikun jista' jaghmel dan.

Matul is-snin kien hu biss li ha lit-tifla fuq vizti kulturali u ekologici. Dan jigu organizzati mill-Bank fejn hu impjegat u jsiru kull gimgha. It-tifla tiehu pjacir hafna u taghlmet hafna.

Jghid li fl-ahhar erba' snin ghamel hafna spejjez fid-dar biex it-tifla tkun izjed komda meta tkun mieghu, nefaq €700 biex irranga il-kamra tas-sodda taghha. Biddel l-art tal-istess kamra biex ma jkunx hemm kesha u ghamel 'fire-place' fil-living room. Hu jikkontesta l-allegazzjoni tal-attrici li d-dar tieghu hi umda u kiesha. Jghid li t-tifla ma' ommha qed jkollha ticcaqlaq mill-kamra taghha billi l-attrici takkomoda studenti ghandha, tant li qabel l-ezamijiet t-tifla ddecideit li

[13] Fol 393 et seq.

tmur ghandu fejn ghandha l-ispazju u tista' tistudja f'ambjent trankwil, u jkollha l-ghajnuna u l-appogg ta' missierha.

Xehed li lit-tifla jikkonsidraha bhala persuna matura, jghallimha x'inhuma l-valuri korretti fil-hajja, jikkoregiha fejn tizbalja biex ma tergax tizbalja. Dan l-attrici ma taghmlux u lit-tifla qatt ma tikkorregiha. Il-konvenut jghid li assolutament ma jaqbilx ma' dan l-'approach' tal-attrici fil-konfront tat-tifla.

Jghid li t-tifla soffriet minhabba l-instabbilita' tal-omm, billi fl-iskola, fil-bidu, ma kienitx tithallat ma' tfal ohra. Hu jsemmi tlett incidenti serji tal-omm li incidew b'mod negattiv fuq it-tifla:

1. Fit-2007 meta G kellha 7 snin, l-attrici ppruvat tikkommetti suicidju. Ghamlet xahar taht trattament psikjatriku.

2. Fit-2011 rceva telefonata mill-Pulizija, l-attrici kienet fl-Intensive Care Ward f'St Luke's, kienet nstabghet fil-bahar fl-area ta' Bahar ic-Caghaq. Damet gimgha fl-isptar.

3. Fit-2008 l-attrici halliet messagg bir-Russu lill-ommha li kienet tghix maghhom, li kienet telqghet. L-attrici kienet hadet lit-tifla G ghand il-habiba taghha Maria Grech u damet miitlufa ghal jumejn shah. L-konvenut u membri tal-familja tieghu organizzaw tfittxijiet ghall-attrici minn Ghajn Tuffieha sa Manoel Island il-Gzira kif issugeriet l-habiba taghha Maria Grech, izda bla success. L-attrici rritornat wara jumejn ma tat spjegazzjoni lil hadd, qalet biss li kienet f'Pembroke.

Il-konvenut jghid dawn l-incidenti kellhom impatt negattiv qawwi fuq it-tifla G. Din kienet tkun dejjem imdejqa l-iskola u dejjem wahedha fil-break. In oltre, kienet qed tigi 'bullied' ghal numru ta' snin.

Bl-ghajnuna ta' Natasha Barthet it-tifla illum ghandha grupp ta' hbieb lejali u hi illum tifla serena u trankwilla.

Il-konvenut jikkontesta l-allegazzjoni tal-attrici, li hu kien il-kagjun tal-problemi li kellha t-tifla. Fis-7 ta' Dicembru 2010 gie mitlub jmur c-Child Guidance Clinic St Luke's Hospital biex jitkellem ma' Mr Nick Cachia. Dan qallu li l-attrici akkuzatu li ma kienx qed jitma lit-tifla. Dan ma kienx minnu u in fatti l-konvenut jghid li lit-tifla kien jaghtiha ikel shun fit-thermos, tant li tfal ohra kienu jghiru ghaliha billi huma hobs biss kien ikollhom u mhux iekel shun. Mr Cachia kien qallu li ma kien hemm xejn hazin fit-tifla u l-konvenut ilmenta mill-fatt li l-attrici l-anqas biss qaltlu li t-tfila kienet qed tinghata trattament psikjatriku.

L-attrici tirriferi ghat-tifla bhala taghha u mhux taghhom, qisu hu ma jezisthiex hlief ghall-flus.

L-attrici qatt ma kienet tghidlu xejn fuq kwistjonijiet ta' sahha tat-tifla. Hu dan kien jsir jafu jew mit-tifla stess jew mill-konsulent mediku. Hu jinsisti li ghandu kull dritt li jinzamm aggjornat dwar kwistjonijiet ta' sahha tat-tifla.

Il-konvenut jghid li l-ugieh fl-istonku ta' G ma kienx konsegwenza tal-ikel li kien jaghtiha hu, kif allegat l-attrici, izda kif gie konfermat minn investigazzjoni medika minn Dottor Mark Brincat fi Frar 2016, l-ugieh kien gej minn cyst li kellha fl-ovaries.

Fit-2012 kien hadha ghand dentist biex tirranga sninha. Kellha bzonn brace li hallas €400 ghaliha. Wara sitt xhur l-attrici tilfet il-parti ta' isfel tal-brace li kien iffisser li kellu jerga' jhallas €300 biex ikollha set gdid ta' braces. L-istess haga gara bl-electric toothbrush li xtralha. Jghid li kien qed jigi kkastigat meta kien qed jaghmel spejjez dejjem fl-ahjar interess tat-tifla.

L-attrici ma zzommux infurmat dwar l-extra-curricular activities tat-tifla u xorta tipprettendi li jwassalha kullimkien u jhallas il-kontijiet. Fis-sajf tas-sena2014 l-attrici bdiet tibghat lit-tifla ghall-basketball u fit-2015 drama lessons ghand Masquerade.

Jghid li l-attrici jinteressawha biss il-flus. Takkuzah li l-kontribuzzjoni tieghu mhiex bizzejjed, mentri hi ma tikkontribwixxi xejn.

Hi tghix minn fuq is-Sevizzi Socjali, ghandha part time job, iggib l-istudenti Russi, taghmel xoghol ta' traduzzjoni, mentri hu jhallas ghall-ispejjez kollha ghall-edukazzjoni tat-tifla, kotba, trasport, uniformi u l-iskola privata San Anton, u jaghtiha €230 fix-xahar ghalkemm ma nghata l-ebda digriet f'dan is-sens.

Hu annetta mal-affidavit tieghu l-FS3 ghas-sena 2015, l-hlasijiet li jaghmel kull xahar u l-ispejjez li hallas ghat-tifla ghas-snin 2013-2015. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li jhallas media ta' €1,200 fix-xahar ghat-tifla, u xorta wahda l-attrici qed titlob €500, meta hu qed jhallas ghall-htigijiet kollha taghha. Hu ma ghandhux prospetti ta' ziediet fil-paga tieghu billi digja lahaq wiehed mill-ghola gradi fil-impieg tieghu.

It-tifla immaturat u hi konfidenti u intelligenti b'konferma li kellha skola tajba hafna. Hu ma jifhimx kif l-attrici, bid-dhul li ghandha, kemm dak dikjarat kif ukoll dak li mhux dikjarat, ma thallasx nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni tat-tifla u mhux ihallas kollox hu wahdu.

Jghid li l-attrici, minflok ma tikkontribwixxi ghall-ispejjez tat-tifla, ghamlet loan biex tixtri propjeta' immobiljari u flusha qed tonfoqhom biex takkwista din il-propjeta', haga li jimissa qatt ma ghamlet fic-cirkostanzi partikolari taghha.

Hu jikkontesta l-allegazzjoni tal-attrici li ma xtarax zarbun ghat-tifla u li din ghamlet tlett snin tilbes l-istess parr. Fil-verita' billi G qed tikber kull sitt xhur circa tkun tirrikjedi size akbar, fi ftit xhur minn saze 38 bdiet tilbes size 411/2. Hu xtralha zarbun size 41 biex tkun tista' tilbsu kulljum ghall-iskola.

Fi zmien qasir l-attrici rrovinat tlett qomos tal-uniformi u bil-moghdija harqet parti mill-uniformi, kienet tibghatha b'kalzetti suwed ghax dawk blu tal-uniformi ma kienitx tahsilhom.

Hu jghid li fit-2012 xtara tablet ghat-tifla bhala ghajnuna ghall-homework taghha u biex ma tuzax il-laptop ta' ommha billi kienu jargumentaw fuq hekk. Jghid li fi ftit xhur l-attrici rrovinat c-charger u internal connection tat-tablet. L-attrici wahhlet fit-tifla pero' hu induna li kien jintuza mill-attici billi kien hemm il-Google address tal-attrici. Issa l-attrici qed tghid li kellha taghmel loan biex tixtri computer ghat-tifla, u tipprettendi li l-konvenut ihallsilha ghall-computer gdid ghaliha billi l-hsara fuq il-computer taghha saret mit-tifla.

L-konvenut jghid li meta jmur supermarket jiehu lit-tifla mieghu u jixtrilha kull ma jkollha bzonn. Kull sena jghinha biex tara xi hwejjeg ghandha bzonn, u kull meta jkollha rizultati tajbin, fortunatament spiss, johodha 'shopping spree'. Anke ohtu u ommu jixtrulha hwejjeg ta' kwalita'.

Hi r-reponsabilita' tieghu li jipprovdi lit-tifla food packages ghall-iskola.

Dwar l-oggezzjoni tieghu ghas-safar tat-tifla, l-konvenut spiega li meta din kellha biss 6 snin ommha riedet tibghata ghall-vaganzi kollha tas-sajf, minn Gunju sa Ottubru fil-Kazakhstan. Hu kien oggezzjona ghax ma xtaqx li jkun 'il boghod minn bintu ghal dan iz-zmien kollu. Marru l-Ambaxxjata Russa, nghataw l-informazzjoni kollha u hu gie assikurat li d-drittijiet tieghu jigu rispettati. Hu ghalhekk ma kienx oppona li isiefer. Irrizulta pero' li l-attrici ma informatux bid-dettalji kollha, partikolarment li l-vjagg kien jirrikjedi sitt ijiem bit-train, certament xi haga ta' skumdita' kbira ghal tifla ta' dik l-eta'. Jghid li kieku kien jaf bid-detallji kien jaghmel arrangamenti ohra.

Il-konvenut jghid li jinkwetah il-fatt li barra il-passaport Malti, t-tifla hi inkluza fil-passaport Russu ta' ommha li jfisser li l-attrici tista' isiefer bit-tifla liberament u hu l-anqas biss ikun jaf. Billi wara dak li gara ma jistax jafda lill-attrici, hu ferm difficili ghalih li jhalli lit-tifla tmur fir-Russia billi jista' jigi mcahhad minnha. Illum pero' dan il-biza mhux tant serju billi t-tifla ma ghadhiex zghira u l-

komunikazzjoni hi ferm ahjar milli kif kienet snin ilu. Xorta wahda pero' jibza li tista tmur u ma tirritornax.

Hu kkonkluda l-affidavit tieghu billi ddikjara li t-tifla hi kollox ghalih, u ghamel 16-il sena jorganizza il-finanzi tieghu biex lit-tifla jaghtiha l-ahjar li seta'jaghtiha. Ipprova jzomm relazzjoni tajba mal-attrici u baqa' jghinha anke wara r-relazzjoni taghhom ntemmet fit-2010. Dan ghamlu biex jassikura li t-tifla tkun kuntenta u nieqsa minn xejn, in fatti l-parti l-kbira tal-paga tieghu jonfoqha fi spejjez ghat-tifla, mentri l-attrici flok tikkontribwixxa ghamlet loan, flok taghti sehemha ghall-manteniment tat-tifla. Jekk barra mill-ispejjez li digja' qed ihallas jigi ordnat ihallas lill-attrici €500 bhala manteniment ghat-tifla, mis-salarju tieghu l-anqas jibqa' bizzejjed biex ihallas ghall-pensjoni ghaz-zmien meta jirtira mix-xoghol, li hu ukoll fl-interess ta' G billi hu biss qed imantniha.

Il-konvenut ipprezenta affidavit addizzjonali mahluf fis-16 ta' Frar 2017.[14] Hu ddikjara li ma kienx minnu li bejn Dicembru 2010 u Awissu 2011 ma ikkontribwixxa xejn ghall-htigijiet tat-tifla, kif allegat l-attrici. F'dak iz-zmien ghamel tlett pagamenti ta'€1074 il-wiehed lil San Anton School total ta' €3222.00. Dawn saru fl-1 ta' Dicembru 2010, fis-17 ta' Marzu 2010 u fl-10 ta' Gunju 2011. Fis-7 ta' April 2011 hallas ghall-uniformi l-ammont ta' €33.94 u €160.13 ghall-kotba u stationary. Hallas ukoll €194.40 Health Insurance ghat-tifla mal-BUPA, hallas ghall-medicini fl-ammont ta' €28.67 u hwejjeg fl-ammont ta' €87.93. Hu ddikjara li bejn Dicembru 2010 u Awissu 2011 ikkontribwixxa aktar min €4,500 spejjez li kollha saru fl-interess tat-tifla.

Il-konvenut xehed in kontro-ezami fis-seduta tas-16 ta' Frar 2017 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[15] Hu ddikjara li ma kien nghata l-ebda digriet dwar il-manteniment u hu kien qed ihallas lill-attrici €230 fix-xahar bhala manteniment ghat-tifla u mhux biex jithallsu l-ispejjez.

Hu ddikjara li s-salarju tieghu hu ta' €1,694.00 fix-xahar, u jahdem fl-Inheritance Section mal-HSBC Bank Malta plc. Mid-Dok YB1[16] jirrizulata li ghas-sena 2016 il-konvenut rceva gross pay ta' €25,440 u net pay ta' €20,798.62.

**Joseph Calleja, Principal Identity Malta Passport Office,** xehed fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[17] Hu ddikjara li l-minuri G F b'kollox kellha erba' passaporti. L-ewwel passaport, li ghalih iffirmaw z-zewg genituri hareg fis-16 ta' Ottubru 2003, kien validu ghal sentejn u skada fis-16 ta' Ottubru 2005. It-tieni passaport hareg fis-17 ta' Mejju 2006 u skada fis-17

[14] Fol 463.
[15] Fol 459.
[16] Fol 479.
[17] Fol 413.

ta’ Mejju 2008. Hu ezebixxa ukoll it-tielet passaport tal-minuri G F li jikkonsisti f’erbatax il-faccata. Dok JC5 huma l-Identity Cards taz-zewg genituri, l-istess firem li jidhru fuq l-applikazzjoni Dok JC3. Dok JC6 hu il-KontroMandat u Dok JC7 juri li l-passaport ngabar mill-Pulizija wara il-KontroMandat. Dok JC8 hi dikjarazzjoni solenni li l-passaport ntilef jew nsteraq, din l-applikazzjoni saret mill-attrici. Dok JC9 hi l-applikazzjoni ghal European Union Malta Passport li hu r-raba’ passaport ta’ G F. Dan il-passaport ngabar mill-missier, Dok JC10. Il-passaport kien wiehed ristrett minhabba il-mandat. Kien limitata ghar-Renju Unit u kien validu bejn s-27 ta’ Gunju 2011 u t-3 ta’ Lulju 2012 skont il-KontroMandat Dok JC11. Il-passaport rega’ hareg ghall-perjodu bejn s-6 ta’ April 2015 u l-10 ta’ April 2015 validu biss ghall-Italja u bejn l-20 ta’ Lulju 2015 u t-28 ta’ Lulju 2015 limitat ghall-Grecja.

Hu ddikjara li tfal minuri jistghu jkunu fuq il-passaport ta’ kull wiehed miz-zewg genituri. F’Malta tfal ta’ 15 il-sena jkollhom il-passaport fuq isemhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**Manteniment.**

Il-partijiet m’humiex mizzewwgin. Kellhom relazzjoni u fil-11 ta’ April 2000 twieldet t-tifla taghhom G li giet rikonoxxuta minn missierha.

Mhux kontestat mill-partijiet li l-missier qed ihallas lill-attrici l-ammont ta’€230 fix-xahar bhala manteniment tat-tifla u qed ihallas l-ispejjez kollha ta’ edukazzjoni tat-tifla fosthom dawk ta’ San Anton School.

It-tifla illum kibret, fl-iskola gabet rizultati sodisfacenti hafna u ma hemm l-ebda problema ta’ access billi t-tifla tghix ma' ommha pero’ spiss torqod fir-residenza ta’ missierha.

L-attrici qed titlob li tigi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tat-tifla, b’access favur il-missier, u li jigi iffissat manteniment ghat-tifla in eccess tal-ammont ta’ €230 fix-xahar li qed ihallas il-konvenut fil-prezent.

Mill-banda l-ohra l-konvenut jinsisti li apparti il-manteniment, hu jhallas spejjez konsiderevoli ghall-edukazzjoni tat-tifla fi skola privata, jhallas ammonti kbar kull xahar u mhux f’posizzjoni li jhallas aktar minn kemm qed ihallas fil-prezent. Hu jippretendi li l-attrici ghandha bhalu tikkontribwixxi ghal-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tifla. Irrizulta li illum s-sitwazzjoni finanzjarja tal-attrici nbidlet billi hi ukoll ghandha impieg full time, u d-differenza fil-pagi taghhom hi circa €200 fix-xahar.

L-artikoli tal-ligi fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-obbligu tal-genituri li jipprovdu manteniment ghall-uliedhom huma s-segwenti:

Artikolu 7 .

(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.

Artikolu 19.

(1) Fil-manteniment jidhlu l-iekel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.
(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll spejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

Artikolu 20.

(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta’ in jitolbu u l-mezzi ta’ min ghandu jaghtih.
(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xorta ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta’ xi professjoni, arti jew sengha.

Issir referenza partikolari ghall-Artikolu 54 li jirreferi ghall-koppja mizzewwgin li jissepparaw, billi dan japplika anke fil-kaz meta il-genituri ma jkunux mizzewwgin.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Angela Conti vs Lawrence Bonnici”** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Frar 2015 ntqal:

“Wiehed l-ewwel net ghandu jifhem li f’ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti meta tiffissa hlas ta’ manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x’ghandu jkun l-ammont gust li jithallas”.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Catherine Mifsud vs E Mifsud”** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Ottubru 2013 ntqal:

“.....................il-manteniment ghandu jigi ffissat skont il-mezzi ta’ min hu obbligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita’ tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu”.

L-attrici qed titlob li l-manteniment ghat-tifla minn €230 fix-xahar jizdied ghal €500 fix-xahar. Din il-kawza giet ipprezentata fl-4 ta’ Dicembru 2012, meta t-tifla kellha 12-il sena u f’dak iz-zmien l-introjtu tal-attrici kien wiehed modest; kienet tircevi xi beneficcji socjali u taqla’ xi haga zghira mill-akkomodazzjoni ta’ studenti u mix-xoghol ta’ interpretu. Il-konvenut kien u ghadu impjegat mal-bank. Llum pero' l-attrici ghandha impieg fiss, tircevi paga ta’ €1,427.26 fix-xahar, mentri l-konvenut ghandu paga ta’ €1,694 fix-xahar, u jhallas l-ispejjez kollha ta’

edukazzjoni tat-tifla. L-attrici ma hiex qed tikkontribwixxi ghall-ispejjez ta' edukazzjoni tat-tifla, hlief li thalsilha ghal xi lezzjonijiet privati.
It-tifla taghlaq 18 il-sena fil-11 ta' April 2018.

Fic-cirkostanzi attwali, ghal ftit xhur biss u tenut kont tal-fatt li t-tifla ghamlet l-O Levels, ma ghadhiex tattendi l-iskola privata, u l-posizzjoni finanzjarja tal-attrici mmiljorat sostanzjalment, hemm lok ghall-awment nominali fil-manteniment.

Ma saret l-ebda prova li t-tifla ser tkompli bl-istudji taghha fuq bazi 'full time' wara li taghaq it-18 il-sena, ghalkemm irrizulta li fl-iskola kienet success, dejjem kellha rizultati tajbin, hi tifla intelligenti u tipprometti. Ghalhekk ma hiex eskluza l-possibilita' li tkompli b'edukazzjoni terzjarja wara li taghlaq 18-il sena, f'liema evantwalita' jixraq li jinghata provvediment.

Hi ghalhekk l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-manteniment li jhallas il-missier lill-omm ghandu b'effett mid-data ta' din is-sentenza jigi awmentat ghal mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar li jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha, inkluz nofs l-ispejjez tal-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifla.  Dan il-manteniment jibqa' jithallas mill-missier lill-omm jekk il-minuri tibqa' tghix ma' ommha wara li taghlaq tmintax-il sena u tibqa' tistudja full-time u dan sakemm taghlaq 23 sena

Ghaz-zmien antecedenti d-data ta' din is-sentenza l-Qorti mhiex ser tordna varjazzjoni ghal dak li sehh u tikkonfermah.  Dwar it-talba tal-attrici ghal kundanna ta' arretrati ta' manteniment, il-Qorti qed tichad din it-talba in kwantu ghal perijodu konsiderevoli l-attur kien qed jikkontribwixxi wahdu ghall-hlasijiet tal-mizati tal-iskola privata tal-minuri.

Dwar it-talba sabiex il-manteniment jitnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut, din it-talba ma tirrizultax gustifikata in kwantu il-hlas dejjem sar puntwalment.

**Kura u Kustodja tal-Minuri.**

Mill-provi rrizulta li t-tifla normalment tirrisjedi mal-omm pero' izzomm kuntatt kontinwu ma' missierha u torqod ghandu fil-weekends. Hu jghinha fl-istudji taghha, johodha fuq shoping sprees bhala rigal meta iggib rizultati tajbin, u hu prezenti hafna f'hajjitha. Ma rrizultax li l-partijiet ghandhom xi problemi dwar l-access ghat-tifla, hi kuntenta mat-tnejn sia mal-omm kif ukoll mal-missier. Dan

apparti l-fatt, xejn traskurabbli, li t-tifla waslet biex taghlaq 18-il sena u mhiex xi tifla zghira li ghandha bzonn xi kura jew attenzjoni specjali mill-genituri.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**” deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Ottubru 2008 ntqal:

“Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m’hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma’ ommha u anke ma’ missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi pprovdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita’ emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.”

Fil-kawza fl-ismijiet “**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud”** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu il-minuri huwa ta’ applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti l-poter lill-Qorti li taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fil-kaz in ezami rrizulta li hemm kumnunikattiva bejn il-genituri. Dan mhux il-kaz fejn il-genituri jillitigaw kontinwament a detriment tal-minuri; illum it-tnejn jghixu hajjithom separatament it-tnejn ghandhom l-impieg taghhom u indubbjament t-tnejn jgawdu l-kumpanija ta’ binthom.

L-istess jinghad dwar it-tifla. Hi kuntenta li tista’ tgawdihom it-tnejn liberament, u fejn snin ilu s-sitwazzjoni finanzjarja tal-attrici ma tantx kienet felici, illum ghandha impieg ‘full time’ u ghandha paga prattikament daqs il-konvenut.

Hu certament fl-ahjar interess tat-tifla li l-kura u kustodja tkun kongunta bejn il-genituri, dan anke in vista tal-fatt li ftit xhur ohra t-tifla issir maggorenni.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deciz:

1. Tilqa' in parte l-ewwel talba tal-attrici u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut billi tordna li l-kura u kustodja fuq il-minuri ghandha tkun f'idejn iz-zewg genituri flimkien;

2. Tilqa’ t-tieni talba tal-attrici u tordna li l-beneficcji/ghajnuna socjali pagabbli lill-minuri ghandhom jigu percepiti mill-attrici;

3. Tilqa’ in parti t-tielet talba tal-attrici dwar il-manteniment ghall-minuri bil-mod kif deciz supra taht l-intestatura "Manteniment";

4. Tichad r-raba’ u l-hames talbiet attrici u tilqa' ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**